**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**<u>Rikors nru: 9/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**u**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 8 ta' Jannar 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fis- 26 ta' April 2008 (Dok A) minn liema zwieg ma twieldux tfal ;
2. Illi l-esponenti sseperaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl- 10 ta' Gunju 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono (Do

3. k B) liema kuntratt gie emendat permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa'  fit- 2 ta' April 2014 ( Dok C);
4. Illi l-esponenti ilhom aktar minn erba' snin seperati de facto, u ma hemm l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti. Inoltre' bejn l-esponenti ma hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment, Dan gie kkonfermat mil-esponent permezz tal-affidavits rispettivi taghhom esebiti bhala Dok D, u Dok. E.
5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal- 2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju / jew hall taz-zwieg bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti, sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi;

1. Tiddikjara d-divorzju/ jew hall taz-zwieg ikuntrattat bejn il-partijiet fis- 26 ta' April 2008;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |